## REGOLAMENTI GENERALI (*Playing Rules)*

Dawn ir-regolamenti ġenerali għandhom jiġu nterpretati f'kull attività' organizzata mill-M.D.A. Aktar il-quddiem għandkom issibu wkoll regolamenti partikolari għal kull attività' msemmija.

### 1.00 IT-TEFGHA

1.01 Plejer għandu jipprovdi d-darts tiegħu, li ma jistgħux ikunu itwal minn 30.5 cm jew jiżnu aktar minn 50 gramma.

1.02 Kull dart għandha tiġi mitfugħa mill-plejer, waħda waħda, bl-idejn minn pożizzjoni bil-wieqfa.

1.03 tefgħa tikkonsisti f'massimu ta' tliet darts.

1.04 Jekk plejer imiss xi dart li tkun imwaħħla fuq il-board waqt tefgħa, dik it-tefgħa tiġi meqjusa li spiċċat.

1.05 Kull dart li taqa' mill-board, ma terġax tiġi mitfugħa.

1.06 Jekk plejer taqagħlu dart minn idu aċċidentalment, dan għandu d-dritt li jitfagħha.

1.07 Jekk dart taqa' min fuq il-board qabel ma plejer jispiċċa t- tefgħa u jaqla d-darts, dik id-dart li tkun waqgħat, ma tkunx tgħodd.

### 2.00 BIDU U GHELUQ TAL-LOGHBA

2.01 Kull leg għandha tkun "straight start'', jiġifieri il-plejer jingħata l-punti mingħajr m'għandu għalfejn jibda bid-double.

2.02 Kull leg għandha tkun "double finish'', jiġifieri sabiex plejer jirbaħ il-leg, dan għandu jġib id-dart fid-double ta' nofs in-numru ta' punti li fadallu.

2.03 Il-bull iż-żgħir jiswa 50 punt u jista' jintuża bħala double 25.

2.04 Bust System: Jekk plejer jikseb (a) aktar minn numru ta' punti li għandu bżonn jew (b) in-numru li għandu bżonn mingħajr ma jġib l-aħħar dart fid-double, jew (c) bl-iscore li jġib iħalli punteġġ ta' wieħed, dik it-tefgħa ma tkunx valida u l-plejer meta jmissu irid jerġa jilgħab ghall-iscore li kien jonqsu fit-tefgħa ta' qabel.

2.05 Jekk ir-referee jgħajjat "game'' din tkun valida biss jekk (a) il-punti miksuba jkunu dawk li plejer kien għad jonqsu u (b) d-darts jibqgħu mwaħħla mal-board wara li r-referee jgħajjat "game'' u jinqalgħu mill-plejer.

2.06 Jekk ir-referee jgħajjat "game'' u dan ma jkunx minnu, il-plejer għandu dritt ikompli t-tefgħa jekk ikun fadallu darts f'idu.

2.07 Jekk f'każ ta' żball mir-referee f'2.05 u 2.06, u l-plejer (li ma jkunx għadu tefgħa t-tliet darts) jkun qala xi dart jew darts min fuq il-board, ir-referee għandu jerġa jwaħħal id-darts maqlugħa fil-pożizzjoni kemm jista' jkun eżatta fuq il-board u jħalli l-plejer jkompli jitfa d-dart/s li fadallu f'idu.

2.08 Jekk plejer jitfa dart/s wara li jkun għalaq bid-double, dawk id-darts ta' wara ma jkunux jgħoddu.

2.09 Jekk plejer isaqsi lir-referee x'fadal u dan jiżbalja l-punteġġ eż. Ir-referee jgħid li fadal 36 u jkun fadal 34. Jekk il-plejer jilgħab għad-double 18 (jaqbadha jew le), dik id-dart/s għandha tiġi maqlugħa mir-referee u l-plejer jista' jerġa jitfagħha għad-double 17.

2.10 Jekk plejer isaqsi lir-referee x'fadal u dan jiżbalja l-punteġġ eż. Il-plejer fadallu 104 score. Jaqbad 60 bl-ewwel dart u wara li jsaqsi x'fadal, ir-referee jgħid li fadal 45 iżda jkun fadal 44. Il-plejer jilgħab u jaqbad 5 u jilgħab għad-double 20. Dik it-tefgħa ma tkunx valida. Ir-referee għandu jaqla l-aħħar żewġ darts mitfugħa (minn meta sar l-iżball) u l-plejer ikompli jitfa għall-punteġġ ta' 44.

## 3.00 PUNTEGGI

3.01 Kull punteġġ jiġi mnaqqas minn score ta' 501 (jew f'każi speċjali 301, 701, 1001 skond l-attività organizzata) jew mill-iscore segwenti.

3.02 Punti miġjuba b'dart/s jgħoddu biss jekk il-ponta tad-dart tkun imwaħħla mal-board jew tmiss ma wiċċ il-board. Darts li jidħlu mill-wire ta' barra tad-double il-ġewwa biss jgħoddu.

3.03 L-iscore jgħodd skond fejn fil-board il-ponta tad-dart tkun qed tmiss eż. Triple, double, single, bull (50) jew semi-bull (25).

3.04 Id-darts għandhom jinqalghu minn fuq il-board mill-plejer li tefagħhom, iżda mhux qabel li l-iscore jiġi msejjaħ mill-caller.

3.05 F'każ ta' żball mill-caller fl-għadd ta' punti miġjuba, il-plejer jista' jipprotesta qabel ma jaqla' d-darts min fuq il-board. Jekk il-plejer jilħaq jaqla' d-darts, dan ma jistax jipprotesta.

3.06 F'każ li l-caller jgħajjat score għola minn dak miksub il-plejer oppost jista' jipprotesta qabel jinqalghu d-darts minn fuq il-board.

3.07 Żball fl-iscore fuq l-iscore board jibqa' bl-iżball, sakemm ma jiġix innotat mill-plejer qabel ma jilgħab it-throw li jmiss. Jekk il-plejer jilħaq jilgħab l-iżball tiegħu ma jiġix ikkorreġut.

3.08 L-iscore board għandha tkun imwaħħla f'pożizzjoni quddiem il-plejer bejn wieħed u ieħor f'livell ta' l-għajn.

3.09 Ħadd ma' jista' jgħid lill-plejer x'jonqsu. Jekk il-plejer isaqsi x'fadallu dan għandu jiġi mwieġeb mill-caller biss, hekk, eż. "32 u mhux double 16". Ħadd ma jista' jgħid lill-plejer x'double jonqsu jew kif jasal għal xi double partikolari.

3.10 Il-caller huwa r-referee tal-logħba u d-deċiżjoni tiegħu hija finali. Qabel jieħu xi deċiżjoni (speċjalment ta' dixxiplina) dan għandu jikkonsulta l-ewwel maż-żewġ rappreżentanti tal-plejers jew teams.

## 4.00 DAWL

4.01 Id-dawl ta' fuq kull board għandu jkun moħbi u ma jkunx anqas minn 100 Watt jew tubu florexxenti ta' mhux anqas minn 40 Watt. Dawl tal-LED huwa accettat skond id-diskrezzjoni tal-M.D.A.

4.02 Jekk ikun hemm xi dawl ieħor fl-inħawi tal-logħob li jista' jtellef il-plejer dan għandu jiġi moħbi jew mitfi.

## 5.00 OCHE (Line)

5.01 Din għandha tkun komposta minn virga njam jew materjal iebes ieħor mhux anqas minn 610mm twila u 38mm għolja. Id-distanza minn pożizzjoni orizzontali fl-art ma wiċċ il-board sa wara tal-oche għandha tkejjel 2.37m.

5.02 Id-distanza dijagonali mill-bull sa' wara tal-oche trid tkun ta' 2.93m.

5.03 Waqt il-logħba plejer ma jistax jitfa d-darts ħlief minn wara l-oche line. Plejer la jista' jaqbeż il-linja mmaġinarji fil-ġnub tal-oche line u l-anqas jirfisha.

5.04 Plejer li jikser ir-regolament 5.03 jiġi għal-ewwel darba mwissi mir-referee fil-preżenza tal-uffiċjal jew captain tat-team tiegħu. Fil-każ li dak il-plejer jerġa jikser dan ir-regolament, il-punti miksuba f'kull tefa oħra ħażina ma jkunux jgħoddu.

## 6.00 DARTBOARDS

6.01 Kull dartboard għandha:

6.011 tkun magħmula minn materjal magħruf bħala "bristle".

6.012 tkun innumerata minn wieħed sa għoxrin b'din is-sekwenza (20,1,18,4,13,6,10,15,2,17,3,19,7,16,8,11,14,9,12,5).

6.013 jkollha c-ċirku z-żgħir tan-nofs (bull), li jgħodd 50 punt.

6.014 jkollha c-ċirku ta’ barra l-bull, li jgħodd 25 punt.

6.015 jkollha c-ċrieki tad-doubles (fuq in-naħa ta’ barra) u tat-triples (fuq in-naħa tan-nofs).

6.016 jkollha c-ċrieki kollha msemmija hawn fuq imwaħħla f’daqqa ma’ wiċċ il-board.

6.017 jkollha dawn id-dimensjonijiet

| | | |
|---|---|---|
| double u triple | wiesgħa | 8.00mm. |
| bull | djametru | 12.70mm. |
| semi-bull | djametru | 31.80mm. |
| wire ta’ barra tad-double sa nofs il-bull | | 170.00mm. |
| wire ta’ barra tat-triple sa nofs il-bull | | 107.00mm. |
| djametru totali ( + / - 3.00mm) | | 453.00mm. |

6.02 Id-dartboard għandha tkun imwaħħla b’mod illi l-20 hija l-parti l-aktar skura tal-board u hu n-numru l-iktar għoli fuq il-board.

6.03 Il-board għandha tkun imwaħħla b’mod li l-għoli vertikali min nofs il-bull sa l-art tkejjel 1.73m.

6.04 Plejer jew uffiċjal ta’ team għandu d-dritt jitlob li dartboard tinbidel jew titranġa bejn leg u oħra jekk din ma tkunx f’kundizzjoni tajba li jintlagħab il-logħob fuqha.

6.05 L-M.D.A. għanda dritt li tissospendi team temporanjament jew twaħħal multa ta mhux aktar min € 100 sakemm club jirregola ruħu ma dawn l-istandards imsemmija qabel.

## 7.00 POSPONIMENT TA’ LOGHOB

7.01 Posponiment ta’ loghobiet isiru f’kaz ta’ tieg fejn il-barman jew minimu ta’ zewg players tat-team ikunu mistiedna. F’dan il-kaz il-club irid jinforma l-M.D.A. sa xahar qabel it-tieg u jrid jipproduci fotokopji tal-inviti ta’ dawk koncernati.

7.02 Kaz iehor hu dak ta’ mewt tas-siehba/sieheb, genituri, ahwa u tfal tal-barman, player u ufficjal.

7.03 F’dawn iz-zewg kazi il-loghba tintlghab f’data mposta mill-M.D.A.

7.04 Team ghal xi raguni ohra jista’ jitlob lit-team oppost sabiex jipposponi loghba izda fil-kaz li t-team oppost jaccetta (ghax it-team oppost jista’ ma jaccettax) din il-loghba trid tintlghab qabel id-data tal-fixture rejali.

8.00 **UZU TA' DROGI JEW SUSTANZI PROJBITI**

8.01 Kull plejer jista' mingħajr avviż bil-quddiem jista' jiġi ttestjat għal użu ta' sustanzi jew drogi projbiti. Fil-każ li plejer jinstab pożittiv, dan jista' jeħel sospensjoni minn sena sa għomru.

8.02 Ir-regolament 7.01 jgħodd mhux biss għal-attivitajiet organizzati mill-M.D.A., iżda wkoll għal dawk l-attivitajiet organizzati minn clubs, individwi jew organizzaturi oħra bil-permess tal-M.D.A..

8.03 Jekk plejer jirrifjuta li jiġi ttestjat, dan jiġi meqjus daqs li kieku nstab pożittiv għat-test u jeħel bħal m'hu mniżżel f'7.01.

## KAMPJONAT UNDER 18

1.00 **REGISTRAZZJONI TA' PLAYERS**

1.01 Players irregistrati mal-M.D.A. biss jistghu jikkompetu.

1.02 Player li ma jkunx ghalaq l-eta ta' 18 il-sena qabel l-1 ta' Dicembru ta' dik is-sena partikolari, biss jistghu jikkompetu.

1.03 Il-loghob isir fuq bazi ta' knock out.

1.04 Il-poloz jitilghu fi bracket system.

1.05 Il-loghob jintlghab f'gurnata wahda. Ir-registrazzjoni tal-players taghlaq fis-7.30 p.m. u mmedjatament wara jitilghu l-poloz u jibda' l-loghob.

1.06 Il-hlas ta' partecipazzjoni huwa – ara 8-a-side 3.02.

2.00 **IL-LOGHBA**

2.01 Il-loghob ikun best of 3 legs sal-kwarti tal-finali. Is-semi finali u l-finali jsiru best of 5 legs.

2.02 Min jitlef irid jimmarka l-loghba li jmiss.

3.00 **TOSS**

3.01 It-toss issir darba. Min jerbah it-toss jibda' l-ewwel leg u jekk ikun hemm bzonn it-tielet leg. Fejn il-loghob ikun best of 5 legs, min jerbah it-toss jibda' l-ewwel u t-tielet leg u jekk ikun hemm bzonn il-hames leg.

3.02 Min jitlef it-toss jibda l-legs l-ohra (dawk imsemmija f'3.01).

4.00 **SPONSOR**

Ara 8-a-side league.

5.00 **PREMJIJIET**

5.01 Ir-rebbieh jinghata wkoll trophy li jzomm ghal kollox.

5.02 Ir-rebbieh jinghata d-dritt li jirraprezenta l-Malta barra l-pajjiz (ara Partecipazzjoni Internazzjonali 2.00).

5.03 L-M.D.A. tirriserva d-dritt li ma taghtix il-premju f'5.04 jekk issib li l-istandard tar-rebbieh ma jkunx kompetibbli ghal loghob internazzjonali.

5.04 Min jispicca fit-tieni u t-tielet post jinghata trophy li tinzamm ghal kollox.

## SINGLES LADIES CHAMPION

1.00 **REGISTRAZZJONI TA' PLAYERS**

1.01 In-nisa kollha jistghu jikkompetu anke dawk mhux irregistrati mal-M.D.A..

1.02 Il-loghob isir fuq bazi ta' knock out.

1.03 Il-poloz jitilghu fi bracket system.

1.04 Il-loghob jintlghab f'gurnata wahda. Ir-registrazzjoni taghlaq fis-7.30 p.m. u mmedjatament wara jitilghu l-poloz u jibda' l-loghob.

1.05 Il-hlas ta' partecipazzjoni huwa – ara 8-a-side 3.02 jew €5.00.

2.00 **IL-LOGHBA**

Ara Kampjonat Under 18.

3.00 **TOSS**

Ara Kampjonat Under 18.

4.00 **SPONSOR**

Ara Kampjonat Under 18.

5.00 **PREMJIJIET**

Ara Kampjonat Under 18.

## REGOLAMENTI ADDIZJONALI LI JAPPLIKAW F'KULL KOMPETIZZJONI

1.01 Qabel il bidu ta kull loghba l-ufficjal jghid 'GAME ON' bhala sinjal li l-loghoba ser tibda.

1.02 Muzika u sound tat-televizjoni jew radju mhumiex permessi. Kull tip ta attivita ohra trid tkun fil-limitu ta rispett lejn min qed ikun jilghab dak il-hin.

1.03 Player huwa permess li juza 'Ear plugs' waqt il loghba. Headphones mhumiex permessi.

## TOURNAMENTS ORGANIZZATI BIL KUNSENS TAL-M.D.A.

1.01 Biex jigi organizzat tournament bil kunsens u bil-punti tal-POY, l-M.D.A. trid tkun infurmata bid-data 6 gimghat qabel il-gurnata tat-tournament.

1.02 Jekk dan jinghata l-permess mehtieg, irid jibghat cirkolari lic-centri kollha mhux inqas minn xahar qabel id-data tat-tournament.

1.03 Fil-kazi kollha sabiex jinghataw il-punti ghal konkors Overall Player tas-Sena, l-attivita' trid tkun miftuha ghac-centri u l-membri kollha tal-M.D.A.

1.04 Irid ikun hemm minimu ta tlett boards fuq xhiex jintlghab il-loghob.

1.05 Il-premjijiet minimi iridu jkunu kif imsemmi
1 post – 20 x l-entry fee
2 post – 15 x l-entry fee
3 post – 5 x l-entry fee

1.06 F'kaz li t-tournament ikun b'risq xi movement filantropiku, l-organizzatur irid jipprezenta cheque lill-ghaqda filantropika ta' x-xewqa taghhom ghall-numru ta' partecipanti x registration fee.

1.07 L-organizzatur huwa responsabli mill-andament tat-tournament.

1.08 Wara kull tournament l-organizzatur huwa fid-dmir li jaghti rapport bil miktub lill MDA li jinkludi:
Numru ta partecipanti,
Rebbieh, Finalist u semi-finalisti,
Rapport dettaljat ta xi incidenti jew episodji li setghu inqalghu.

1.09 F'kaz li ma jidholx rapport kif imsemmi f' 1.08 fi zmien 72 siegha l-MDA tirriserva d-dritt li ma thallix lil dak il-club partikolari jorganizza tournament simili is-season ta wara.

1.10 F'kaz ta problemi ta' dixxiplina l-organizzatur jew individwi li kienu prezenti jistaw jirraportaw il-kaz sa 72 siegha wara li jkun intemm it-tournament. Rapporti li jidhlu wara iz-zmien stipulat jigi ddikjarati nulli.

1.11 F'kaz ta' rapport kif imsemmi f'1.10, wara li jkun gie ikkonfermat u vverifikat, l-MDA tirriserva d-dritt li ma thallix lil dak il-club partikolari jorganizza tournament simili is-season ta wara.

1.12 Organizzatur jista jikri l-equipment minghand l-M.D.A. ghal dawn il-prezzijiet:

| | |
|---|---|
| Frame | €15.00 |
| Electronic Scoreboard | €10.00 |
| Dartboard | € 5.00 |

1.13 L-M.D.A. tista titlob ghal depositu ghall-affarijiet imsemmija f'1.12, liema dipositu jinghata lura wara r-ritorn tal-equipment fil-kundizzjoni ta' kif gew mislufa.

1.14 Il-garr tal-affarijiet imsemmija f'1.12 hija r-responsabilita assoluta tal-organizzatur.